**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Martin Bayliss**
**Spettur Mario Bonnici**
**v**

**MICHAEL CARTER**

**Illum 23 ta' April, 2001.**

**Il-Qorti,**

Rat lil l-imputat **MICHAEL CARTER** ta’ disgha w ghoxrin sena bin John u Maria nee Sciberras, imwieled Pieta nhar s-sbatax ta' April, 1971 u residenti 61, Triq il-Knisja, Xaghjra, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 192071(M) u gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'xi hin bejn s-sitta w ghoxrin ta' Novembru, 1998 w t-tlieta ta' Dicembru, 1998, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li fl-ezercizzju ta' dmirijiet tieghu:

a) ghamel falsifikazzjoni b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew firem, jew billi dahhal isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba maghmula jew imnizzla f'registri, jew f'atti pubblici ohra wara li jkunu gia ffurmati jew maghluqa u dan bi ksur tal-artikolu 179 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li, meta kiteb atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga tieghu, biddel bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi taghhom, sew billi nizzel pattijiet diversi minn dawk li kienu gew iddettati, jew maghmula mill-partijiet, kemm billi ddikjara bhala veri fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma kienux u dan kollu bi ksur tal-artikolu 180 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, f'falsifikazzjoni jew f'tibdil fi skrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal

dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ffurmati, inkellha billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellu jkollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan bi ksur tal-artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi minhabba l-kariga jew impjieg tieghu, hu fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz u dan bi ksur tal-artikolu 185 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih nnifsu jew ghal haddiehor, u cioe ghal Etienne Carter, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz u dan kollu bi ksur tal-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor ffalsifikat u dan bi ksur tal-artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

g) talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, xjentement issoprima jew b'xi mod iehor qered jew biddel tracci jew indizzji ta' reat u dan bi ksur tal-artikolu 111(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

h) talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, bhala depozitarju tal-awtorita pubblika, illi b'mezzi kontra l-ligi miftiehem ma persuna ohra, ma halliex l-ligi tigi esegwita u dan bi ksur tal-artikolu 135 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

i) talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi, dolozament bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att mhux imsemmi fl-artikolu 137 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,b'taghkis jew bi hsara ta'

haddiehor u dan bi ksur tal-artikolu 138 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

j) talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku huwa ghamel r-reati gia imsemmija meta kellu jissorvelja biex ma jsirux jew minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-drmir li jimpedixxi u dan bi ksur tal-artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna l-interdizzjoni generali ai termini tal-artikolu 190 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli tal-Avukat Generali mibghuta fis-sitta ta' Lulju, 2000 esebit f’dawn l-atti a fol 202 sabiex din il-kawza tigi deciza bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Lulju, 2000 l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju u lil provi tad-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-hamsa ta' Marzu, 2001.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 1998 ghall-habta tal-hamsa nieqes kwart ta' filghodu, f'Rahal Gdid, Etienne Carter kien involut f'kollizzjoni ma vettura li kienet ipparkjata, proprjieta tal-Melita Cable meta huwa kien qed isuq vann tal-ghamla Bedford Astra ta' lewn abjad bin-numru ta' registrazzjoni IAK 476 registrat f'isem Pawlu Degabriele, meta allegatament ma kienx kopert b'polza tas-sigurta u kellu l-licenzja tal-vettura (road licence) skaduta. Fuq il-post tal-incident mar PC 525 Mark Farrugia li kien xoghol fl-Ghassa ta' Rahal Gdid u ha d-dettalji tal-kollizzjoni u nizzilhom fil-computer. Dak il-hin PC 525 Mark Farrugia ma hax d-dettalji kollha tal-incident u fil-fatt dahhalhom fir-rapport aktar tard permezz ta' addendi li saru fir-rapport originali kif

jirrizulta mid-dokumenti esibiti mill-Ispettur Paul Caruana waqt x-xhieda tieghu. Allegatament Etienne Carter rrabbja hafna li PC 525 Mark Fgarrugia kien daqshekk pront sabiex jdahhal fil-computer r-rapport tal-kollizzjoni daqshekk malajr u ghalhekk mar jkellem lil imputat is-Surgent Michael Carter li kien wkoll stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid sabiex jara jekk setghax jghinu. L-imputat qallu sabiex jhallas l-ispejjes tal-habta stante li kien tort tieghu. PC 525 Mark Farrugia pero baqa jipprocessa c-charges relattivi u fil-fatt sahansitra anke l-komparixxi kienet harget fil-konfront ta' PC Etienne Carter.

Il-vettura ta' Paul Degabriele u cioe l-vettura misjuqa minn Etienne Carter dehret li ma kienetx koperta b'polza b'polza tas-sigurta u ghalhekk l-Ufficjal tal-Pulizija dahhal din n-nota bhala li ma kienetx koperta b'polza kif jirrizulta mid-dokument MB 2 li hija vera kopja ta' certifikat tal-vettura in kwistjoni mahrug mis-socjeta assikurattrici Qatar li tghid li l-polza in kwistjoni kient tiskadi fit-tletin ta' Settembru, 1998. Pero minn ezami tal-kopja tal-polza wkoll mahruga minn Qatar Insurance Company (vide fol 21 tal-atti processwali) jirrizulta li l-vettura in kwistjoni u cioe Bedford Astra, registrata

f'isem Paul Degabriele kellha polza ta' assikurazzjoni ohra li kienet tiskadi fit-tletin ta' Settembru, 1999 pero d-date of commencement taghha kienet s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 1998 fis-siegha nieqes sbatax il-minuta, jigifieri harget ftit wara li sehh l-incident in kwistjoni.

Minn ezami tat-tibdiliet li saru fuq dan r-rapport jirrizulta li saru diversi tibdiliet importanti fir-rapport originarjament imdahlal minn PC 525 Mark Farrugia liema tibdiliet allegatament kienu biddlu s-sens kollu tar-rapport.  It-tibdiliet principali sehhew fit-tnejn ta' Dicembru, 1998 u dan mill-imputat fejn ma gemb il-pratikolaritajiet li jindikaw jekk il-vettura kienetx licenzjata giet imdahhla entry li tindika li l-vettura kienet licenzjata u nxjurjata ghaliex l-iskadenza tal-polza giet imnizzel bhala t-tletin ta' Settembru, 1999 u ghalhekk deher li l-vettura kienet koperta bil-polza.  Qabel din l-operazzjoni din il-parti kienet thalliet vojta minn PC 525 Mark Farrugia.

Illi dan nonostante pero jirrizulta li x-xorta wahda harget l-akkuza fil-konfront ta' Etienne Carter kif jirrizulta mid-dokument li jinsab esibit a fol 54 tal-atti markat bhala dokument RVG 2, liema

komparixxi harget fis-sitta w ghoxrin ta' April, 1999 u fost ix-xhieda indikati mill-Prosekuzzjoni hemm Paul Degabriele, sid l-vettura in kwistjoni li habat biha PC Etienne Carter, PS 238 Michael Carter l-imputat odjern, Frederick Gatt, il-persuna li go fiha allegatament habat PC Etienne Carter, rappresentant tal-Untours sabiex jikkonferma jekk l-vettura misjuqa minn PC Etienne Carter kienetx koperta bil-polza ta' sigurta kontra r-riskji ta' terzi persuni u rappresentant tal-ufficcju tal-licenzji sabiex jindika fuq minn hija licenzjata u registrata l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAU 476 misjuqa minn PC Etienne Carter dakinhar tal-incident.

Illi ghalhekk nonostante l-allegati entries li ghamel l-imputat, l-akkuzi fil-konfront ta' PC Etienne Carter xorta hargu.

Illi l-imputat gie arrestat w interrogat fit-tul mill-Assistant Kummissarju tal-Pulizija s-Supretendent Martin Bayliss u l-imputat irrilaxxja tlett statements, l-ewwel wiehed esibit a fol 35 tal-process markat bhala dokument MB 7 li gie rilaxxjat nhar s-sitta w ghoxrin ta' Marzu, 1999 fl-erbgha ta' wara nofsinhar.  F'din l-istqarrija l-imputat jiddikjra li jaf lil Etienne Carter peress li jigi minnu mill-boghod u li

kien jahdem mieghu bhala reliever orderly fl-istess Ghassa. Mistoqsi jekk qatt kienx involut fl-incident li kien involut fih Etienne Carter, huwa spjiega li fis-sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 1998 huwa kien imissu xoghol filghodu bejn il-hamsa ta' filghodu w-siegha ta' wara nofsinhar. Meta wasal ghax-xoghol ghall-habta tal-hamsa nieqes hamsa ta' filghodu, sab lil PC 525 Mark Farrugia li kien kwazi spicca jdahhal rapport fuq il-computer li kien jirrigwarda kollizzjoni. PC 525 Mark Farrugia qallu li kien qed idahhal kollizzjoni li kien involut fih PC 280 Etienne Carter. Huwa qal li kien iccekkja fuq il-computer w irrizultalu li l-van li habat bih PC 280 Etienne Carter ma kellux polza ta' sigurta kontra r-riskju ta' terzi persuni. L-imputat kien wiegbu sabiex jistennew ftit sabiex Etienne Carter igib il-polza peress li jista jghti l-kaz li l-computer ma kienx updated. L-imputat kompla fuq xoghol iehor u wara rranga r-rapport li kien dahhal PC 525 Mark Farrugia billi kien irranga xi 'spelling mistakes'. Aktar tard dakinhar mar fuqu PC 280 Etienne Carter u qallu li l-van ma kienx kopert b'polza ta' sigurta. L-imputat ghalhekk qallu li ma setghax jghinu peress li r-rapport kien diga mdahhal fil-computer pero kien talbu biex igiblu l-polza ta' sigurta u sabiex huwa jirranga mat-terza persuna li habat maghha dwar danni. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni kif setgha

jghin lil imputat billi jdahhal l-polza ta' sigurta jekk din ma tkoprihx, l-imputat wiegeb li huwa kien ser jbiddel d-date of expiry tal-polza l-qadima fis-sens li jilloggja fil-computer d-date of expiry l-gdida (tal-polza kif rinovata), u b'hekk kien ser jaghti l-impressjoni li fil-hin tal-incident huwa kien kopert. Is-sewwieq tal-vettura li habat maghha PC 280 Etienne Carter wkoll kellem lil imputat pero dan dejjem qallu sabiex jikellem direttament ma PC 280 Etienne Carter u jirranga l-affarijiet ta' bejniethom flimkien.

Fit-tnejn ta' Dicembru, 1998 PC 280 Etienne Carter reggha mar l-Ghassa u halla l-polza l-gdida u dak il-hin, wara li vverifika li kienet l-polza mahruga fuq l-istess vettura huwa ghamel entry fil-computer u ghamel l-addenda. Huwa nizzel wkoll fil-computer li l-licenzja kienet imhallsa ghaliex hekk haseb dak il-hin. Huwa ma tkellem xejn aktar fuq dan il-kaz. Fuq din il-kwistjoni huwa ma rcieva l-ebda hlas, rigal, kumpens jew vantagg u ghamilha biss biex PC 280 Etienne Carter ma jghalix.

It-tieni stqarrija huwa rrilaxxjha ghall-habta tal-hdax ta' filghodu tas-sebgha w ghoxrin ta' Marzu, 1999, fejn wara li

kkonferma l-istqarrija li kien rrilaxxja qabel, huwa zied xi haga ohra fis-sens li ccara l-kliem li kien huwa li qal lil PC 525 Mark Farrugia sabiex johrog c-charges fil-konfront ta' PC 280 Etienne Carter u qallu li ma setghax ikun xhud ghaliex huwa ma kienx ra lil PC 280 Etienne Carter isuq u lanqas ma kien mar fuq l-kollizzjoni.

Apparti l-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur, l-Prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda ohra f'dan il-kaz sabiex tittanta tipprova l-akkuzi taghha.

**Xehed Frederick Gatt** li kkonferma li huwa kien pparkja l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni TFC 852 fil-pjazza ta' Rahal Gdid, proprjieta tal-Melita Cable meta ghall-habta tas-sebgha w nofs tas-sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 1998 gie mgharraf li PC 280 Etienne Carter kien skiddja u habat go vettura tieghu waqt li kien bil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAU 476, proprjieta ta' Paul Degabriele.

**Xehed Paul Degabriele** fejn kkonferma li l-vettura Ford Bedford bin-numru ta' registrazzjoni IAU 476 hija proprjieta tieghu u li fil-gurnata tal-incident kien sellifha lil PC 280 Etienne Carter.

**Xehed l-Ispettur Raymond Vella Gregory** fejn kkonferma li c-charge relattiv fil-konfront ta' PC 280 Etienne Carter kien hareg u fil-fatt sahansitra anke kopja vera tac-charges esibixxa u fost c-charges kien imnizzel li PC 280 Etienne Carter kien gie akkuzat li saq vettura b'licenzja mhux imgedda u minghajr ma kienet koperta b'polza ta' sigurta dwar ir-riskju ta' terzi persuni.

**Xehed wkoll l-Maggur Peter Cassar** u esibixxa d-detail tax-xoghol ta' Rahal Gdid ta' nhar s-sitta w ghoxrin ta' Novembru, 1998 fejn jirrizulta konfermat dak li qal l-imputat li huwa kien dahal ghall-ewwel shift mill-hamsa ta' filghodu sas-siegha ta' wara nofsinhar u li PC 525 Mark Farrugia kien xoghol fl-istess shift mal-imputat (vide fol 62 tal-atti odjerni).

**Xehed wkoll PC 1266 Noel Felice** li kkonferma li l-imputat huwa Surgent fil-Korp tal-Pulizija u ghandu n-numru PS 238.

**Xehdet wkoll WPC 34 Jennifer Mallia** li kkonfermat li r-rapport tal-incident in kwistjoni gie rappurat mill-Officer in Charge

PC 525 Mark Farrugia dakinhar tas-sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 1999 ghall-habta tal-hamsa nieqes kwart ta' filghodu.

**Xehed l-Ispettur Paul Caruana** li spjiega l-procedura li tintuza rigward *logging in* tar-rapporti fis-sentema tal-PIRS (Police Incident Reporting System). Huwa spjiega li persuna tmur l-Ghassa tal-Pulizija u taghmel arpport. Is-Surgent jew Kuntistabbli presenti fl-Ghassa jaghmel rapport w jnizzel r-rapport fil-computer sabiex jigi trasmess lil Kwartieri Generali tal-Pulizija mmedjatament u jigi *saved*. Tibdiliet jistghu jsiru minn kull Ghassa f'Malta, basta pero minn Ufficjal tal-Pulizija. Dan ghaliex kull min jidhol f'dan r-rapport jkollu *log in name* tieghu u ghalhekk ikun hemm li qed jaghmel xi tibdil jew zieda u dan jista jigi identifikat. Issa kull tibdil, zieda jew addenda li ssir f'rapport tigi xorta *saved* u ghalhekk ikun hemm rekord komplut ta' kull alterazzjoni sakemm r-rapport ikun finali.

Rigward r-rapport in kwistjoni l-Ispettur Paul Caruana spjiega li sar sittax il-*update* jew kambjament. Huwa mportanti li l-Qorti tissolienja x'kienu dawn is-sittax l-*updates*.

L-ewwel rapport kien dak originali mehud minn PC 525 Mark Farrugia filwaqt li kull addenda fuq dan r-rapport tas-sitta w ghoxrin ta' Novembru, 1998 tnizzlet minn PS 238 Michael Carter u cioe l-imputat.

Huwa ghamel l-ewwel zieda li tinsab a fol 99 tal-atti odjerni, fis-sens li hdejn il-kelma "*function*' kiteb "*new report*".

Fit-tieni entry a fol 100, hdejn il-kelma "*reference*" nizzel "*surname*" u hdejn il-kelma "*to*" nizzel il-kunjom "*Gatt*".

Fit-tielet entry pero mit-tieni addenda (fol 101) jirrizulta li PS 238 Michael Carter nizzel hdejn il-"*forename*' l-isem "*Frederick.*"

Ir-raba entry u cioe t-tielet addenda (fol 102) PS 238 Michael Carter nizzel hdejn l-identity card in-numru "*1776M*".

Il-hames entry u cioe r-raba addenda (fol 103), PS 238 Michael Carter nizzel hdejn "*date of birth*" d-data "*11/12/1975*". Fil-hames

entry u cioe fir-raba addenda (fol 104) hdejn "*housename*" hu nizzel in-numru "*151*".

Fis-sitt entry u cioe fil-hames addenda (fol 105) fejn hemm l-kelma "*reference*" huwa kiteb isem t-triq in kwistjoni u cioe "*Paola Square*".

Fis-sebgha entry u cioe fis-sitt addenda (fol 106) hdejn il-kelma "*reference*" huwa nizzel "*Paola*".

Fit-tmien entry u cioe fis-sebgha addenda (fol 107) hdejn il-kelma "*reference phone*" nizzel in-numru "*804179*".

Fid-disgha entry u cioe fit-tmien addenda (fol 108) hdejn r-"*reference update date*" huwa nizzel d-data "*27/11/98*" li din hija d-data tal-ahhar tibdil li sar.

Fl-ghaxar entry u cioe d-disgha addenda (fol 109) jidher il-hin *07.46* u dan huwa l-hin ta' meta tnizzlet d-data 27/11/98 u cioe ta' meta l-ahhar tibdil gie *saved.*

Fil-hdax il-entry u cioe l-ghaxar addenda (fol 110) jindika d-data ta' meta saret l-entry u l-hdax il-entry (fol 111) jindika l-hin tal-ahhar *update* u cioe *07.50* tal-gurnata murija fil-hdax il-entry.

Fit-tnax il-entry PS 238 Michael carter dahhal addenda fis-sens li "*Please note that due to foul weather sketch could not be completed.*" (fol 112)

Fit-tlettax il-entry (fol 113) din d-darba pero minn WPC 34 Jennifer Mallia li permezz tieghu ccekkjat r-rapport, ivvettjatu ghalkemm dan r-rapport kien diga ntbaghat lil Kwartieri Generali tal-Pulizija.

Fl-erbatax il-entry li jgib d-data tat-tnejn ta' Dicembru, 1998 (fol 114) jidher li PS 238 Michael Carter biddel informazzjoni fuq dan r-rapport originali relatati mal-vettura u cioe in-numru ta' registrazzjoni fejn dahhal fl-iscreen in-numru tal-vettura u cioe " *IAU 476*" u dan kien l-ahhar *update* sa meta telgha jixhed dan is-Surgent u cioe sad-dsatax ta' Lulju, 1999 u cioe li biddel d-dettalji tal-vettura u

billi biddel il-*policy number, expiry date, vehicle licence* u *vehicle insured.*

Mistoqsi jekk sarx xi tibdil iehor dwar informazzjoni tal-vettura l-Ispettur Paul Caruana kkonferma li ma kienx hemm salv dik tan-numru ta' registrazzjoni. Zied jghid li dan huwa *historical log* normali fis-sens li f'kull rapport ikun hemm entries diversi. Huwa zied jghid wkoll fix-xhieda tieghu tal-ghoxrin ta' Marzu, 2001 li dak li ghamel l-imputat kien li jipproduci fedelment dak li rrizulta minn dokument genwin u cioe mid-dokument esibit a fol 21 tal-atti u cioe il-polza tas-sigurta mahruga mill-Qatar. L-informazzjoni li dahhal tirrispekkja fedelment l-informazzjoni fuq dan id-dokument.

Fid-dsatax ta' Lulju, 1999 **xehed Anthony Amaira** li hu rappresentant tal-Untours li qal li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAU 476 hija registrata f'isem Paul Degabriele u li l-polza ta' sigurta li kellu fuq din il-vettura kienet skadiet fit-tletin ta' Settembru, 1998 pero fis-sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 1998 giet imgedda ghall-habta tal-kwarta ta' wara nofsinhar b'endorsement partikolari li din il-vettura tista tinsaq minn kull driver li ghandu minn hamsa w ghoxrin

sena 'l fuq salv u b'eccezzjoni ghal Etienne Carter li ghandu inqas minn hamsa w ghoxrin sena . Mistoqsi jekk sarx xi claim fuq din il-vettura ix-xhud ma kienx f'posizzjoni li jwiegeb.

Illi d-Difiza principalment qed ssostni li l-istatements li rrilaxxja l-imputat u cioe dawk markati bhala dokumenti MB 7 u MB 8 ma gewx rilaxxjati minnu b'mod voluntarju u skond l-ligi u ghalhekk ghandhom jigu skartati.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-artikolu 658 tal-Kodici Kriminali li jghid testwalment:

> "*Kull haga li l-imputat jew akkuzat jistqarr sew bil-miktub kemm wkoll bil-fomm, tista tittiehed bi prova kontra minn ikun stqarriha kemm il-darba jinsab li din l-konfessjoni giet maghmula minnu voluntarjament u ma gietx <u>imgieghla</u> jew mehuda <u>b'theddid</u> jew <u>b'biza</u> jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi.*"

L-imputat qed jibbaza il-vonuntarjeta tal-istqarrija tieghu fuq il-kliem "*ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza.*"

Hawnhekk il-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali moghtija nhar d-disgha ta' Ottubru,*** 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmel** Camilleri fejn kien gie ritenut hekk:

> "*Huwa opportun li jinghad li r-rilaxx ta' stqarrija da parti ta' minn ikun qed jigi interrogat mill-Pulizija huwa fakultattiv fis-sens li dan m'ghandu l-ebda obbligu li jirrilaxxja stqarrija jew li jirrispondi ghal domandi posti lilu mill-Pulizija. Minn dan jirrizulta li l-principju fundamentali fil-materja ta' stqarrija li din trid tkun volontarja, u mhux spontanea sabiex ikollha valur probatorju.* "

L-oneru tal-prova li tali stqarrija saret volontarjament jaqa dejjem fuq il-Prosekuzzjoni, bhal kull prova ohra.

Il-Prosekuzzjoni ghandha taghti prima facie evidence tal-esistenza ta' dan ir-rekwisit u malli jirrizulta sodisfatt, allura l-oneru tal-prova kuntrarju jigi spustjat ghal fuq l-imputat li jkun qed jallega li l-istqarrija tieghu kienet ittiehdet b'wiehed mill-metodi kontemplati fil-precitat artikolu 658 tal-Kap 9.

Kif gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v James Gullaumier** nhar ***it-tnax ta' Frar, 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali:***

> "*Dan ma huwa xejn hlief l-applikazzjoni tal-principju fundamentali fis-sistema legali li min qed jallega fatt irid jippruvah, izda ma jfissirx ossia m'ghandux jigi intiz b'mod li f'xi mument l-oneru li jigi ippruvat ir-reat hu in-nexus bejn ir-reat u l-imputat jigi spustjat ghal fuq l-imputat, dan dejjem jibqa fuq il-Prosekuzzjoni tul il-process kollu. Izda jekk akkuzat bi sforz sabiex jindebolixxi l-provi tal-Prosekuzzjoni, jallega certi fatti, anke taht gurament, allura hu jkun xehet fuqu l-oneru tal-prova ta' dawn il-fatti.*"

Fl-appell fl-ismijiet **il-Pulizija v Frances Spiteri** (Vol XLIII pg. 1061) deciz mill-Imhallef William Harding il-Qorti qalet hekk:

"*Per regola il-prova tinkombi fuq il-Prosekuzzjoni, imma meta tkun ghamlet prova prima facie, allura l-prova kuntrarja tigi riversata fuq id-difiza partikolarment meta si tratta ta' prova which lies <u>peculiarly within the knowledge of the accused</u>. Fi kliem iehor meta d-difiza tissoleva l-punt tan-non volontarjieta` tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat f'tali kaz hija tkun assumiet l-obbligu li tressaq provi sufficjenti in sostenn tat-tesi taghha izda qatt ma jkun rikjest mill-istess imputat li l-provi minnu prodotti jistabbilixxu bla dubju ragonevoli t-tesi tieghu. Kull m'ghandu jaghmel l-imputat huwa li jressaq provi sufficjenti biex jiggenera dubju ragonevoli fil-verzjoni moghtija mill-Prosekuzzjoni, f'liema kaz imbaghad l-oneru li jinnewtralizza dan id-dubju jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni.*"

Illi f'dan il-kaz odjern il-Prosekuzzjoni gabet il-prova rikjesta mill-ligi in propositu billi ressqet bhala xhieda lill-Ufficjali tal-Pulizija li kienu presenti waqt li l-imputat irrilaxxja l-istqarrija tieghu.

Id-difiza qed issostni bil-qawwa li l-imputat irrilaxxja l-istqarrija tieghu dokument MB 7 minhabba l-biza psikologika li kellu fil-mument li kien qed jigi nterrogat meta gie mgharraf li kien qed ikun investigat fuq omicidju ta' kollega.

Issa kif gie ritenut minn **Sacks J**. fil-kawza fl-ismijiet ***R. v Priestly*** **(1967) 51 Cr. App. R 1**.

> "*Whether or not there is oppression in an individual case depends upon many elements. I am not going into all of them. They inculude such things as the length of time of any individual period of questioning, the length of time of intervening between periods of questioning, whether the accused person had been given proper refreshment or not, and the characteristic of the person who makes the statement.*"

Illi mix-xhieda tal-imputat jirrizulta illi huwa kien mahkum mill-biza kbira meta kien qed jigi interrogat, u dan ghaliex huwa kien qed jigi investigat fuq il-qtil ta' kollega Mark Farrugia li kien l-orderly tieghu. L-investigazzjoni ma kienitx biss fuq semplici tibdil fuq okkorrenza. Meta sar jaf b'dan u cioe` li l-ghan tal-investigazzjoni principali kien l-omicidju ta' PC 525 Mark Farrugia, huwa beda jlaqlaq. L-Ufficjali tal-Pulizija bdew jinsinwawlu li kien hu li hadem il-balla li qatlet lil Mark Farrugia u li hu kien il-mandant wara il-qtil tieghu. Illi l-atmosfera waqt l-investigazzjoni kienet wahda ta' twerwir bit-telefon l-hin kollu jdoqq u kull darba jitkecca 'l barra. L-Ufficjali qalulu li l-mejjet Mark Farrugia kien halla nota minn fejn kien insinwa li huwa kien qed jintimidah. Fil-fatt l-imputat anke staqsa biex jaghmel konfront ma kull minn allegatament qal xi haga dwaru sabiex jipprova l-innocenza tieghu dwar l-omicidju. Huwa stqarr li fil-fatt meta rcieva t-telefonata dwar dan l-omicidju huwa kien l-Ghassa u ghalhekk setgha jikkonferma permezz tal-alibi li ma kienx hu li qatel lil PC 525 Mark Farrugia, ghalkemm il-Pulizija kienet qed issostni bil-qawwa li kien komplici u ghalhekk ma kienx necessarju li fil-mument tal-qtil kien presenti mal-qattiela l-ohra.

Dak il-hin martu kellha tmien xhur u nofs tqala u t-tqala taghha kellha xi kumplikazzjonijiet u ghalhekk beda jinkwieta dwarha. Haduh d-dar u ghamlulu *search* fir-residenza tieghu u fil-vettura tieghu li rrizultat fin-negattiv. Wara s-*search* il-Pulizija akkumpanjawh d-Depot u gharfuh li martu kienet ddahhlet l-isptar.

L-imputat gie mghajjar *pufta* u li hu membru tal-Mafia u li hu l-Kap taghha. Beda jigi muri r-ritratti dwar l-omicidju ta' Mark Farrugia u jghidulu li kien hu responsabbli ghal dan il-qtil. Illi f'dan l-istadju l-imputat hassu hazin u fehem li ahjar jammetti kollox dwar dak li kien qed jigi allegat lilu sabiex wara t-tmienja w erbghin siegha jintbaghat d-dar. Lilu haduh l-lock up tal-Belt u huwa u sejjer lejn il-lock up wara l-kantuniera tal-Ghassa tal-Belt, ra kartellun tan-Nazzjon bil-headline "Surgent tal-Pulizija investigat fuq omicidju ta' Pulizija." Meta ra hekk aktar beda jahseb li l-Pulizija kienet ser tressqu fuq komplicita ta' omicidju. Huwa gie mehud ghal darb'ohra fil-bitha tas-CID u minnufih jirrizulta li regghu bdew il-bombardamenti fuqu u huwa hass li kellu jaghmel stqarrija ohra biex jissodisfa lil Pulizija li kienet qed tinvestigah sabiex finalment jintbaghat d-dar.

Illi l-imputat ressaq bhala xhieda tieghu primarjament lil Doctor Alberto Vella li hu ginekologu l-Isptar San Luqa. Dan t-tabib kkonferma li mart l-imputat kienet pazjenta tieghu u kellha diversi problemi fit-tqala taghha minhabba numru kbir ta' operazzjonijiet li kellha fil-passat taghha. Kellha kundizzjoni ta' *imparied glucosse tollerance* u ghalhekk kellha tiehu hafna hsieb fil-tqala. Huwa kkonferma li fil-lejl ta' meta kien arrrestat l-imputat u cioe fis-sitta w ghoxrin ta' Marzu, 1999, martu kienet ddahhlet l-isptar peress li kienet *distressed* hafna u fil-fatt zammewha l-isptar *overnight* peress li kellha *sluggish faetal movement*.

L-imputat ppresenta wkoll kopja tal-kartellun li deher fuq in-Nazzjon li gie mmarkat bhala dokument FP li jinsab a fol 226 tal-atti minnn fejn jirrizulta l-headline "***Id-delitt tal-Kuntistabbli Mark Farrugia - Surgent mahrug ghall-istharrig.***"

L-Ispettur Mario Bonnici fix-xhieda tieghu li tinsab a fol 11 tal-atti processwali jikkonferma li l-imputat kien qed jigi interrogat in konnessjoni mal-*murder* tal-Kuntistabbli Mark Farrugia u fil-fatt meta

baghat ghall-imputat, jghid li kienu waslu proprju fil-punt krucjali rigwardanti u in konnessjoni mal-*murder* ta' Mark Farrugia u fil-fatt kien minnu li bdew jinterrogawh dwar l-omidcidju ghaliex hasbu li ma kienx qed jghid il-verita.  L-Ispettur Mario Bonnici ghalkemm jammetti li f'idejh kellu r-ritratti tal-omicidju ta' Mark Farrugia waqt li kien qed jigi interrogat l-imputat, fl-ebda hin ma ammetta li wrieh dawn r-ritratti jew li nsulentah jew offendih.

Il-Qorti perossibha difficili temmen dan ghaliex tistaqsi; x'kienu qeghdin jghamlu f'idejh r-ritratti ?

Ironikament pero jghid li meta huwa wassal lil imputat d-dar taht arrest biex jigbor c-cwievet tal-locker tieghu huwa ra lil martu tqila u qallu biex jghidilha li m'ghandhix ghalfejn tinkwieta.  Haga ironika ghall-ahhar !

L-Ispettur Mario Bonnici a fol 14 tal-atti ammetta wkoll li waqt li l-imputat kien taht arrest ma halllihx jcempel biex jara kif kienet martu ghalkemm kien jaf li kienet l-isptar u kellha xi kumplikazzjonijiet.  Huwa jghid li hallih jkellem lil huh.

L-Ispettur Mario Bonnici ammetta wkoll li waqt l-investigazzjoni huwa staqsa lil xi xhud jekk kienx hu li mmanifattura l-cartridge li qatlet lil Mark Farrugia pero stranament ma ftakarx jekk kienx l-imputat li staqsa.

Irrizulta wkoll li mhux dak kollu li qal l-imputat tnizzel fl-istatement izda biss is-sustanza. (ara pagna 15)

Illi minn ezami tad-dokument MB esibit a fol 174 tal-atti u cioe il-*movement of detainee* jirrizulta li l-investigazzjoni fuq l-imputat kienet twila hafna fis-sens li fil-hamsa w ghoxrin ta' Marzu, 1999 l-imputat gie arrestat ghall-habta tan-nofs siegha ta' filghodu u ammess fil-lockup fil-hdax ta' bil-lejl u cioe wara ghaxar sighat u nofs ta' investigazzjoni. L-ghada s-sitta w ghoxrin ta' Marzu, 1999 jirrizulta li filghodu l-imputat ghamel hamsin minuta ohra u cioe mill-hdax u ghoxrin ta' filghodu san-nofs siegha ta' wara nofsinhar u wara nofsinhar reggha ghamel sebgha sighat u nofs ohra u cioe mis-siegha w kwart sad-disgha nieqes kwart ta' bil-lejl. Huwa kien gie rilaxxjat mill-lockup l-ghada s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu, 1999 fid-disgha w

kwart ta' filghodu pero fil-hdax ta' filghodu kien qieghed ghal darb'ohra jaghmel stqarrija ohra li hija mmarkata bhala dokument MB 8 kif jirrizulta mill-hin fuq l-istqarrija u ghalhekk l-imputat kwazi nzamm t-tmienja w erbghin siegha permess mill-ligi.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju minn dan d-dokument li l-imputat ghadda minn investigazzjoni qawwija u ta' sieghat twal.

**L-Assistant Kummissarju xehed** u qal li veru l-imputat kien qed jigu interrogat minnu dwar l-omicidju ta' Mark Farugia (vide fol 154 tal-process).

Illi dwar l-atmosfera ta' kif inzammu l-investigazzjonijiet pero l-Assistent Kummissarju ma jghid xejn, jghid biss li huwa ma kienx presenti l-hin kollu mal-Ufficjal Prosekutur waqt l-investigazzjoni salv li l-interogazzjoni verbali tal-imputat saret quddiemu. Is-Supretendent Martin Bayliss ma tax dettalji dwar l-arrest tal-imputat salv bejn wiehed w iehor li kkonferma l-istqarrija tal-imputat u cioe li l-imputat ammetta li kien rranga l-okkorrenza in kwistjoni u li ma kellu l-ebda konnessjoni mal-qtil ta' PC 925 Mark Farrugia.

Illi ghalhekk in vista tas-suespost il-Qorti ma thossx li tista tiskarta l-possibililta reali li stabbiliet ruhha quddiemha, cioe li effettivament l-imputat ammetta imputazzjonijet vantati fil-konfront tieghu u esklussivament minhabba pressjoni psikologika maghmula fuqu minhabba r-ragunijiet elenkati qabel.

Illi tali rizultanzi ghalhekk jivvizzjaw il-voluntarjeta tal-istqarrija de quo.

Kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v E Mifsud (1956)(Vol XL pg. 1220)**

> "*... huwa principju tal-bon sens li the threat... must be a description which may be presumed to have had such an effect on the mind of the prisoner as to induce him to confess.*"

Illi hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li dan kien proprju dak li gara fil-kaz odjern.

Illi wara li gie analizzat is-suespost, din il-Qorti hija tal-fehma li d-dubbju hekk kostruwit ghandu imur favur l-imputat u konsegwentement il-Qorti qed tiskarta l-istqarriji tieghu markati bhala dokumenti MB 7 u MB 8. Illi pero ghandu jigi sottolineat li l-Qorti sejra taghti importanza lix-xhieda li l-imputat ta viva voce l-Qorti u cioe fis-sitta w ghoxrin ta' Ottubru, 2000 u dan sabiex tkun tista taghmel l-iskrutinju li hu mehtieg skond l-artikolu 637 tal-Kap 9 u cioe li tqis l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda tieghu ghandhix mis-sewwa jew hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi l-imputat ressaq diversi Ufficjali tal-Pulizija sabiex jixhdu dwar il-karattru tieghu u cioe lil Ex Supretendent Joseph Rizzo li qal li l-imuptat ghandu kapacitajiet kbar bhala Surgent u li huwa serju f'xogholu. L-Ex Spettur tal-Puliizja Emanuel Camilleri qal li l-imputt kien ghamel zmien jahdem mieghu u li ftit hemm Surgenti tal-kwalita u stoffa tieghu. L-Ispettur Abraham Zammit kkonferma li l-imputat ghamel zmien stazzjonat mieghu u qal li bhala Surgent huwa efficjenti hafna.

Illi l-imputat fid-deposizzjoni tieghu deher genwin u konsistenti f'dak li beda jiddeponi fis-sens illi irrelata b'mod dettaljat dak li kien gara u dak li kien ghamel hu.

Partikolarment ighid illi PC 525 Mark Farrugia kien ghamel rapport fuq incident automobilistiku li kien sehh ma genb l-Ghassa rigward meta PC Etienne Carter kien habat go vettura stazzjonarja. PC 525 Mark Farrugia kien diga qed idahhal ir-rapport fuq il-kompjuter.  L-imputat stqarr ukoll illi PC 525 Mark Farrugia kien qallu li PC Etienne Carter ma kellux polza tas-sigurta` ghas-sewqan. Huwa ghalhekk spejega lill-Kuntistabbli 525 Mark Farrugia li PC Etienne Carter kellu zmien erbgha u ghoxrin siegha sabiex igib kopja ta' din il-polza.  Huwa fil-fatt kompla jghinu idahhal l-okkorrenza.  PC Etienne Carter talbu biex jirrangalu xi haga dwar ir-rapport u huwa irrisponda li ma seta jaghmillu xejn salv li ghandu ihaffef u igiblu l-polza tal-vettura li kien biha dakinhar tal-incident.

Xi jiem wara dan PC Etienne Carter gablu il-polza tas-sigurta` u fil-fatt l-imputat illogja il-partikolaritajiet tal-polza fir-rapport

permezz ta' addenda. Huwa spjega illi hija procedura tal-Pulizija illi meta tingieb polza tas-sigurta` huma iharsu lejn l-isem tal-assikurazzjoni u n-numru tal-polza u meta taghlaq, ghaliex dawn huma tlett partikolaritajiet li jidhlu fir-rapport ghaliex slots ghal dawn il-partikolaritajiet biss hemm. Ma hemm slot dwar *date of commencement of policy*. Huwa ghalhekk dahhal il-fatti kif irrizultawlu mill-polza li giet moghtija lilu fis-sens li fedelment ikkopja dak li kien hemm fil-polza.

Wara li kien ghamel din l-addenda u kif jirrizulta mid-dokument Q a fol 114, din saret fit-2 ta' Dicembru, 1998. PC 525 Mark Farrugia qallu li PC Etienne Carter ma kellux polza tas-sigurta` valida dakinhar tal-habta u mhux li ma kinitx fuqu fil-mument tal-incident. L-imputat spjega b'mod genwin li huwa haseb li PC Etienne Carter ma kellux il-polza fuqu ghaliex kuntrarjament ghal dak li jsir is-soltu, il-vettura li kien riekeb fil-habta ma gietx mizmuma fil-bitha tal-ghassa kif isir fil-proceduri fejn ma hemmx polza valida. Huwa ghalhekk qal lil PC Mark Farrugia sabiex johrog ic-charges u fil-fatt kif jirrizulta mid-dokument MB 1 u cioe` ic-charge book fis-sitta w ghoxrin ta' Jannar, 1999, PC 525 Mark Farrugia dahhal ic-charges fil-

konfront ta' PC Etienne Carter fis-sens li kien qed isuq vettura fis-sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 1998 minghajr ma kien kopert b' polza tas-sigurta`.

Huwa ammetta li baghat lil PC Etienne Carter jirranga mal-parti l-ohra dwar l-incident rigward id-danni materjali u fil-fatt ma zammiex mistura ghaliex qalha fl-Ghassa quddiem in-nies u fil-fatt kien anke baght l-allegat vittma u cioe` lil Frederick Gatt - proprjetarju tal-vettura l-ohra, jitkellem direttament ma PC Etienne Carter.

L-Ex Supretendent kkonferma li l-imputat kien tkellem mieghu fuq dan il-kaz. Huwa spjiega li huwa dak iz-zmein kien s-Supretendent tal-lokal tal-Ghassa ta' Rahal Gdid u kien ivvettja r-rapport li kien ha PC 525 Mark Farrugia dwar l-incident u li kiollox kien sew. Jghid li kienet harget cirkolari mill-Kummissarju tal-Pulizja li f'kaz ta' incident awtomobilistiku fejn ma hemmx feriti dawn r-rapporti jistghu jittiehdu mill-Kuntistabbli. Huwa jikkonferma li huwa ghamel tmienja w tletin sena fil-Korp tal-Pulizija u bhala procedura meta huma jezaminaw dokument ta' polza tal-

assikurazzjoni qatt ma jiccekkjaw d-date of commencement. Ix-xhud ftakar (vide fol. 239) li l-imputat kien qallu li PC Etienne Carter ma kellux il-polza ta' sigurta fuqu meta habat u mhux li ma kellux polza u lli wara li nduna li PC Etienne Carter ma kienx kopert kien dar fuq PC 525 Mark Farrugia u qallu biex johrog ic-charges.

**L-Ex Spettur Emanuel Camilleri xehed** li huwa kien stazzjonat fl-Ghassa fejn kien hemm PC 525 Mark Farrugia u dan qatt ma qallu li l-imputat kien qed jfixklu fil-qadi ta' dmirijietu jew li qallu biex ma johrogx xi charge fil-konfront ta' PC Etienne Carter.

**L-Ispettur Abraham Zammit xehed** w kkonferma lil huwa kien stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid u kkonferma li PC 525 Mark Farrugia qatt ma qallu xi haga fis-sens li l-imputat kien qed jfixklu fil-qadi ta' dmirijietu.

Huwa kkonferma wkoll lil bhala procedura meta ikun hemm habta huma jiehdu l-partikolaritajiet tan-numru tal-vettura, l-agenzija tal-Insurance, il-*Policy Number* u *d-date of expiry*, ghaliex dawn d-dettalji biss huma rikjesti fil-format tar-rapport. B'certezza *date of*

*commencement* qatt ma titnizzel. In oltre ddikjara wkoll li meta sewwieq t'incident awtomobilistiku ma jkunx kopert b'polza ta' sigurta, ma jithallix jitlaq bil-vettura u il-Pulizija Investigattiva tehodha lejn l-eqreb Ghassa tal-Pulizija sakemm il-polza tithallas.

**PC 732 Joseph Aquilina** li huwa inkarigat mix-xoghol tal-Qorti u cioe li johrog l-akkuzi fuq ic-charge tal-Ghassa ta' Rahal Gdid u ta' Hal Luqa, **kkonferma** li l-imputat qatt ma mar fuqu u qallu biex ma johrogx ic-charges fil-konfront ta' PC Etienne Carter anzi qal li l-imputta ha interess sabiex jara li dawn ic-charges johorgu fil-konfront ta' PC Etienne Carter. Inoltre hu ddikjara li c-charges ghal Qorti johorgu mhux fuq r-rapporti kollha li hemm fil-computer izda biss meta dawn r-rapporti jikkostitwixxu reati u jigu mnizzla fic-*charge book*.

Illi in vista ta' din x-xhieda il-Qorti temmen li l-imputat kien veritier f'dak li stqarr l-Qorti u m'ghandhiex ghalfejn ma temmnux.

Illi skond l-artikolu 346(1) tal-Kap 9 huwa d-dmir tal-Pulizija Ezekuttiva li ma thallix li jsiru reati, li tikxef u tinvestiga r-reati li

jsiru, li tigbor il-provi u li ggib l-hatjin quddiem il-Qorti u ghalhekk il-Qorti thoss li f'din l-kwistjoni l-imputat semmai setgha kien forsi ftit negligenti u traskurat fl-investigazzjoni tieghu u messu qaghad aktar attent.

Il-Qorti thoss li huwa l-kompitu taghha issa li tispjiega jekk il-fatti specie tal-kaz jammontawx ghal elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reati migjuba kontra l-imputat mill-Prosekuzzjoni.

Fl-ewwel lok l-imputat huwa akkuzat bir-reat kif previst fl-artikolu 179 u cioe r-reat ta' falsifikazzjoni ta' att minn Ufficjal Pubbliku. Il-Qorti thoss li ghandha tissottolineja l-element ta' dan r-reat u cioe :

1. Li l-persuna li taghmel il-falsifikazzjoni trid tkun Ufficjal Pubbliku;
2. Li l-falsifikazzjoni ssir fl-ezervizzju tad-dmirijiet tieghu;
3. Illi l-falsifikazzjoni tikkonsisti f'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi jew f'firem jew billi dahhal isem ta' persuna mhux vera jew b'kitba maghmula jew imnizzla

f'registri jew f'atti pubblici ohra, wara li jkunu gew ffurmati jew maghluqa.

Illi ghalhekk principalment jirrizultaw tlett elementi u sabiex jissusistu dawn r-reati t-tlett elementi irid ikunu presenti ilkoll.

Minnufih il-Qorti tinnota li kwalsiasi tibdil jew zieda li ssir fi kwalsiasi manjiera trid tkun falza, ghaliex il-kelma *falza* tikkwalifika t-tibdil jew zieda.

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Marzu, 1999*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Sammut** gie ritenut li fil-ligi taghna u fuq l-iskorta tad-dottrina kontinentali, il-falsifikazzjoni "***falz materjali, tista ssir sew <u>billi jigu falsifikat dokument</u>, kollu jew parti, kif wkoll <u>billi jigi alterat d-dokument genwien.</u>***"

Fi kliem iehor, **Sir Anthony Mamo** ***fl-appunti tieghu*** jghid:

"*Our Criminal Code like the models on which it was originally framed, does not give a general definition of forgery, only in respect of certain of the crimes of forgery of public and private writings it specifies the special* <u>*ways*</u> *in which the particular crimes may be committed. In two ways ... may in general a forgery be committed; either by making in whole or in part a false document (counterfoiling) or by* <u>*altering*</u> *a genuine document (Lecture in Criminal Law).*"

**Francesco Antolisei** fil-ktieb tieghu ***Manuale di Diritto Penale*** *(para 135 of 1977 Ediz.)* jghid:

"*In genere il termine falso e' precisamente alla differenza tra non genuinita e non veridicita. Secondo l'insigne autore. Il falzo materiale si ha quando il documento non e' genuino, Il falzo ideologico allorche il documento e' bensi genuino ma non e'veridico perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero… Per alterazione si devono intendere le modificazioni di*

*qualsiasi specie (agguinte, cancellate, ecc) che al documento autentico vengono apportate dopo le sue definitive formazioni.*"

**Kenny** l-awtur ingliz fil-ktieb ***Outlines of Criminal Law*** pg. 239 jaghti definizzjoni tal-kelma falsifikazzjoni. Huwa jghid:

"*It has been stated that a document is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which is not. The simplest and most effective phrase by which to express this rule is to state that for the purposes of the law of forgery the writing must tell a lie about itself.*"

Illi huwa minnu li l-imputat huwa Ufficjal Pubbliku kif kkonferma PS 1266 Noel Felice kif jirrizulta a fol 67 tal-atti, ghaliex huwa Surgent fil-Korp tal-Pulizija, huwa minnu wkoll li dak li ghamel l-imputat ghamlu fl-ezercizzju tad-dmirijiet tieghu, pero ma jirrizultax li dak li ghamel l-imputat u cioe z-zidiet li ghamel fit-tnejn ta'

Dicembru, 1998, kienu foloz fit-termini tal-ligi. Ghaliex, kif jirrizulta, iz-zidiet f'dawn t-tip t'okkorrenzi isiru il-hin kollu bhala procedura normali w in oltre dan huwa proprju s-sistema tal-*historical log*. Dak li ghamel l-imputat u cioe li dahhal d-dettalji tal-polza tal-vetturi ma jikostitwix l-falsita rikjest f'dan l-artikolu tal-ligi u di fatti ghamel dawn l-addendi meta r-rapport ma kienx ghadu finalizzat.

Skond **Glanville Williams** l-awtur fil-ktieb tieghu ***Textbook of Criminal Law*** taht il-Kapitolu 40 *Forgery* a fol 876 jghid illi huwa necessarju illi:

> "*the maker must make the document 'in order that it may be used as genuine and secondly, there must be at least the intent to deceive.' The second requirement renders the first ortiose*".

Huwa necessarju illi ghalhekk li l-imputat ikollu l-intenzjoni biex jiffalsifika id-dokument sabiex l-allegat vittma jemmen li d-dokument kien genwin. Illi ghalhekk irid jirrizulta d-dolo, <u>mera negligenza mhiex bizzejjed.</u>

L-awtur taljan famus **Mirto** fil-ktieb tieghu ***La Falsita` in Atti*** f'pagna 467 jghid:

"*Il delitto di falsita` in atti si imputa soltanto a titolo di dolo. E` questa un assunto costante della dottrina e della pratica sin dalla antichita`, la quale aveva formulato il principio non nisi dolo mal falsum.*"

Fit-tieni lok l-imputat gie akkuzat b'dak li hemm dispost fl-artikolu 180 tal-Kap 9 u cioe tibdil b'qerq f'atti maghmula minn Ufficjal Pubbliku.

F'dan l-artikolu tal-ligi jissusistu s-segwenti elementi ghall-ezistenza tar-reat u cioe:

a. Li jkun Ufficjal jew impjegat pubbliku;

b. Li jikteb atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga tieghu;

c. B'qerq jbiddel s-sustanza jew ic-cirkostanzi taghhom; u

d. Billi jnizzel pattijiet diversi minnn dawk li jkunu gew iddettati jew maghmula mill-partijiet, kemm billi jiddikjara bhala veri, fatti foloz jew bhala fatti maghmula, dawk li ma jkunux.

Illi ghalhekk minn ezami ta' dawn l-artikoli jirrizulta li dak li jsir irid isir minn Ufficjal jew impjegat Pubbliku b'qerq. Jigifieri li l-Ufficjal Pubbliku irid ikun koxjenti ta' dak li qed jaghmel u cioe li qed jaghmlu mhux bhala parti mix-xoghol tieghu biss izda bl-intenzjoni li jinganna u jqarraq lil haddiehor billi jbiddel is-sustanza jew ic-cirkostanzi tal-kaz.

Illi dan zgur mhux il-kaz jew almenu ma giex ippruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti.

Fit-tielet lok l-imputat gie akkuzat bir-reat kif previst fl-artikolu 183 tal-Kap 9 u cioe li ffalsifika att pubbliku, kummercjali jew ta' bank privat minn persuna li ma tkunx Ufficjal Pubbliku.

Illi l-Qorti mhux ser tidhol u tiddiskuti l-element ta' dan r-reat ghaliex l-imputat huwa Ufficjal Pubbliku u ghalhekk din d-disposizzjoni tal-ligi ma tapplikax ghalih.

Fir-raba lok, l-imputat gie akkuzat b'dak li hemmm dispost fl-artikolu 185 u cioe dwar r-reat ta' ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz.

Illi stante li l-Qorti diga ddikjarat li dak li ghamel l-imputat u cioe t-tibdiliet fl-okkorrenza ma humiex dikjarazzjonijjiet foloz, il-Qorti mhux ser tiddiskuti dawn r-reati stante li ma jirrizultawx.

Fil-hames lok, l-imputat gie akkuzat talli sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih nnifsu jew ghall haddiehor f'xi doument mahsub ghal xi awtorita pubblika <u>xjentement</u> ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz.

Il-kelma '*xjentement*' hawnhekk tfisser li jrid ikun hemm kemm intenzjoni specifika kif ukoll dik generika.  **Manzini** fil-fatt jaghti spiegazzjoni taz-zewg tipi ta' *mens rea* f'dan id-dolo.  Huwa jsostni li:

"*il dolo generico consiste nella volonta` <u>cosciente</u> e <u>libera</u> e nell'<u>intenzione</u> di <u>compiere</u> la falsificazione <u>sapendo</u> di agire senza diritto*",

filwaqt li:

"*dolo specifico ha come fine di procurare a se o ad altrui un vantaggio o di recare ad alri un danno.*"

Illi ghal darb'ohra il-Qorti thoss li dak li ghamel l-imputat ma jikkostitwix l-element ta' dan r-reat u cioe li xjentement ghadda taghrif falz u ghalhekk il-Qorti mhux ser tittratta fil-fond dwaru ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Illi dak li nghad dwar l-hames akkuza japplilka wkoll ghas-sitt akkuza u cioe ghal dak li hemm dispost fl-artikolu 185 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat gie akkuzat wkoll taht dak li hemm dispost fl-artikolu 111(2) u cioe li ssorprima, qered u biddel tracci ta' delitt b'mod xjenti. Illi din l-akkuza lanqas ma tidher li tirrizulta ghaliex minn imkien ma jirrizulta li l-imputat ghamel dak li ghamel b'mod xjenti sabiex jeqred xi tracci jew indizzji ta' reat. Fil-fehma tieghu huwa kien qed jdahhal stat ta' fatt kif rrizulta mill-polza tas-sigurta, dokument ufficjali fir-rapport originarjament mehud minn PC 525 Mark Farrugia. Jirrizulta li l-imputat ghamel b'mod genwin sittax il-entry fil-*historical log* ta' dan r-rapport u kollox jindika il-bona fede tal-imputat.

Illi l-imputat gie akkuzat wkoll bir-reat kif previst fl-artikolu 135 tal-Kap 9 u cioe li bhala Ufficjal Pubbliku b'mezzi kontra l-ligi ftiehem ma persuna ohra biex ma jhallix l-ligi tigi esegwita.

Il-Qorti tiskanta kif din l-akkuza inghatat wkoll ghaliex semmai jirriuzulta anke minn diversi xhieda li l-imputat insista li johorgu c-charges fil-konfront ta' PC Etienne Carter meta induna li ma kienx kopert bil-polza tas-sigurta u jirrizulta wkoll li huwa ma avvicina lil hadd sabiex ma jhallix li l-ligi tigi esegwita.

L-imputat gie akkuzat wkoll talli bhal impjegat pubbliku dolozament bi ksur tad-dmirijiet tieghu ghamel jew naqas li jaghmel xi att b'taghkis jew bis hsara ta' haddiehor.

Kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Raymond Vella** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn ta' Aiwssu, 1999*** il-kelma "dolozament" (*maliciously* fit-test ingliz), fl-artikolu 138 hi intiza semplicement biex tghamilha cara li dan r-reat huwa wiehed doluz u mhux kolpuz, din il-kelma ma tfissirx li dan r-reat jehtieg xi 'malizja' jew 'hazen' partikolari oltre dak li hu rikjesta ai fini tad-dolo cioe l-intenzjoni posittiva diretta jew l-intenzjoni posittiva ndiretta.

Ghalhekk tenendo kont ic-cirkostanzi tal-kaz kif fuq spjiegat, il-Qorti ma thossx li din l-akkuza tirrizulta ppruvata.

L-ahhar akkuza u cioe dik kontemplata fl-artikolu 141 tal-Kap 9 tapplika biss bhala disposizzjoni generali biex f'kaz ta' htija tar-reati fuq imsemmija, il-piena tizdied bi grad stante li l-imputat huwa Ufficjal Pubbliku.

Il-Qorti pero thoss li ghandha tirrimarka kif l-Avukat Generali naqas li jaghti fl-artikoli d-disposizzjoni tal-ligi u cioe l-artikoli 181 u 182 tal-Kap 9 u dan ghaliex dawn huma l-unici artikoli taht t-titolu IX tal-Kap 9 li jittratta fuq d-delitti kontra l-proprjeta u kontra s-sigurta pubblika sub titolu III fuq il-frodi li jikkonsidra t-traskuragni fil-hrug ta' dokument pubbliku li setgha kien il-kaz in ezami.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 179, 180, 183, 185, 188, 189, 111(2), 135, 138, 141, 17B, 31, 20 u 533 **tiddecidi li ma ssibx lil imputat MICHAEL CARTER hati u tilliberah minn kull akkuza kif dedotta kontra tieghu.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni li tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes in konnessjoni mal-hatra tal-esperti, il-Qorti ezaminat il-process u minn ezami tieghu ma jirrizultax li kien hemm hatra ta' xi espert u ghaldaqstant tichad tali talba.**

**Naturalment stante li l-Qorti ma sabitx lil imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu hija mhux ser tordna l-interdizzjoni generali tieghu kif rikjesta mill-Prosekuzzjoni.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**